*henry frendo*

# IR-RIVOLUZZJONI MALTIJA TAL-1919

ħarsa mill-qrib lejn il-ġrajjiet storiċi tas-"sette giugno"

HENRY FRENDO

# IR-RIVOLUZZJONI MALTIJA TAL-1919

CORDINA'S "EMPORIUM"
7, MERCHANTS STREET,
VALLETTA.
(TEL. 24328.)

HARSA MILL-QRIB

LEJN IL-ĠRAJJIET STORIĊI

TAS-"SETTE GIUGNO"

# WERREJ

| | pağ. |
|---|---|
| Lista tar-Ritratti ... ... ... ... ... | 5 |
| Kelmet il-Professur ... ... ... ... ... | 6 |
| Kelmtejn Qabel mill-Awtur ... ... ... ... | 7 |
| Rivoluzzjoni mhux Rewwixta ... ... ... | 10 |
| Laburiżmu u Nazzjonaliżmu ... ... ... ... | 13 |
| Il-Qagħda Soċjali, Politika u Reliġjuża ... ... | 16 |
| Il-Kawżi Immedjati ... ... ... ... ... | 19 |
| Il-Ħobż Iswed u n-Neguzjanti tal-Qamħ ... ... | 22 |
| Nhar is-Sebgħa ta' Ġunju ... ... ... ... | 24 |
| Nhar it-Tmienja u d-Disgħa ta' Ġunju ... ... | 28 |
| Martri jew Briganti? ... ... ... ... ... | 31 |
| Is-Sehem tad-Dimechjani ... ... ... ... | 35 |
| Is-Sehem tal-Mizzjani ... ... ... ... ... | 38 |
| Is-Sehem ta' l-Istudenti Universitarji ... ... | 40 |
| Jibda t-Trejdjunjoniżmu Organizzat ... ... | 43 |
| Minn "La Camera Del Lavoro" għal "Partit tal-Ħaddiema" ... ... ... ... | 46 |
| Il-Kostituzzjoni l-Ġdida ... ... ... ... | 49 |
| Bibljografija ... ... ... ... ... ... | 52 |

# RITRATTI


pag.

1 — L-Inawgurazzjoni tal-Monument lill-Mejtin tas-VII ta' Ġunju ... ... ... ... 12
2 — Parti mir-Rendikont mogħti mill-Kumitat Nazzjonali "Għall-Mejtin u l-Feruti tas-7 u t-8 ta' Ġunju 1919" ... ... ... 14
3 — L-Aħħar Kunsill tal-Gvern Qabel l-Għoti tal-Gvern Responsabbli ... ... ... 17
4 — Id-Dimostrazzjonijiet tal-Istudenti, Waħda mill-Kawżi Immedjati ta' l-Irvell ... 21
5 — Manwel Attard, Wieħed mill-Vittmi Żgħażagħ tar-Rivoluzzjoni ... ... ... 23
6 — Filippo Sceberras mar-Rappreżentanti tal-Poplu waqt il-Laqgħa ta' l-Assemblea 25
7 — Il-Folla ta' quddiem il-Palazz tal-Gvernatur fi Triq Irjali ... ... ... ... 27
8 — L-Aħħar Tislima lill-Vittmi ... ... ... 30
9 — Kuruni, Fjuri u Bnadar f'Misraħ il-Palazz 32
10 — Il-"Professur" Emmanuel Dimech, Mexxej tad-Dimechjani ... ... ... ... 36
11 — L-Avukat Enrico Mizzi, Mexxej tan-Nazzjonalisti ... ... ... ... ... 38
12 — Wara l-Kawża Kontra l-Istudenti ... ... 41
13 — L-Istudenti Msakkrin mill-Pulizija ... ... 42
14 — Matthew Giles ma' l-Ewwel Trejdjunjonisti Maltin ... ... ... ... ... 45
15 — Il-Fundaturi ta' "La Camera Del Lavoro" ... 47
16 — L-Ewwel Parlament Malti, fl-1921 ... ... 50

Kif il-21 ta' Settembru, 1964, huwa l-jum tal-ħelsien ta' Malta mill-ħakma kolonjali, hekk is-7 ta' Ġunju, 1919, huwa jum it-twelid tal-jeddijiet kostituzzjonali. Din il-ġrajja kienet għadma iebsa u kontra x-xewqa ta' l-Ingilterra għaliex din dejjem riedet iżżomm lil Malta bħala fortizza. Mhux biss qatt ma riedet tħalli f'idejn il-Maltin ir-riedni tal-pajjiż, imma dejjem fittxet toħnoqilhom leħinhom sabiex ikun il-Gvern Imperjali l-mexxej waħdieni ta' l-arċipelagu Malti.

Misserijietna dejjem issieltu għad-drittijiet tagħhom u fis-7 ta' Ġunju 1919 waslu biex saħansitra jxerrdu d-demm. Fil-51 sena li għaddew minn din il-ġrajja, f'imħuħ il-Maltin din id-data baqgħet tħażżeż għożża, seher u misterju. Jinħtieġ li jkun Malti, li jħobb lil pajjiżu, li għandu għal qalbu kull ma hu Malti, li mhux marbut maxxniexel tas-serviliżmu pro-Ingliż jew pro-Taljan, u fuq kollox li jkun magħġun fit-tiftix ta' l-istorja politika Maltija kontemporaneja, biex jagħtina ħjiel ta' ġrajja unika bħal din tas-7 ta' Ġunju. U aħna xxurtjati li dan għamlu għalina s-Sur Henry Frendo, li hu gradwat bl-unuri fl-Istorja mill-Università ta' Malta.

F'dan il-ktejjeb il-qarrej jista' jsib xi affarijiet li għandhom mnejn jidhru paradossali u li forsi mhux kulħadd jaqbel magħhom. Dan ikun sinjal tajjeb. Din il-ġrajja ġiet studjata minn Frendo f'ċertu sens bħal dik ta' Michel fuq ir-Rivoluzzjoni Franċiża, jiġifieri bis-saħħa ta' riċerki minn dokumenti moħbija u stħarriġ ieħor bħal dan li jinsab kemm fl-arkivji lokali u fil-Public Records Office ta' Londra kif ukoll għand nies privati fil-kollezzjonijiet personali tagħhom. Minħabba f'hekk dan ix-xogħol storiku għandu siwi speċjali u Malta tistenna li dan l-istudjuż ikompli jispeċjalizza fl-istudji soċjali-politiċi kontemporaneji.

ANDREW P. VELLA, Professur ta' l-Istorja fl-Universita' Rjali ta' Malta

# KELMTEJN QABEL

*M'INIEX qed nippubblika din il-kitba fl-ilsien Malti għax naħseb li hekk se tinqara iżjed. Anzi nibża' li se tinqara inqas. Lanqas ma qed nuża l-Malti biex niffranka t-traduzzjoni tas-sensiela ta' artikoli fuq dan is-suġġett li kienu dehru f' 'Il-Ħajja' f'Ġunju li għadda. Anzi dawn ridt naddattahom għall-pubblikazzjoni. Imma nikteb hekk għax nemmen li ġrajjiet artna hija xi ħaġa fuq kollox Maltija. U bħala Malti ddiżgustat għall-aħħar bl-apatija tal-Maltin fejn l-istorja tagħhom, inħoss li ż-żmien ma jistax jistenna iżjed qabel ma t-taqlib soċjali-politiku ta' dan is-seklu jinxtarr, jinkiteb u jixxandar fl-ilsien li jifhmu l-poplu kollu. Ebda popu ma jista' jasal biex ikun jaf u jifhem lilu nnifsu mingħajr dik il-kuxjenza nazzjonalistika-patrijottika li titnissel mit-tagħlim storiku-soċjali. U l-poplu Malti ma jistax jasal f'dan l-istat ta' emanċipazzjoni intellettwali qabel ma jagħraf sewwa x'kien dak li rawwem lil nannietu, lil misserijietu u, fl-aħħar mill-aħħar, lilu stess. F'nazzjon indipendenti bla storja tiegħu miktuba, fejn fl-ogħla istituzzjoni ta' tagħlim il-Malti lanqas mhu magħruf u fejn ir-riċerki kollha fuq l-istorja ta' Malta jkollhom jinkitbu artifiċjalment u għal klassi limitata ta' studjużi, f'neokolonjaliżmu ta' din ix-xorta n-nies billfors jibqgħu ħallata-ballata — jgħixu fuq l-istess biċċa art, iva; jitkellmu l-istess lingwa, forsi; imma wkoll iħossuhom balbuljata ta' "nazzjonalitajiet" differenti. U min iħoss ruħu hekk, għaliex ma jkunx kiel u xorob minn dak li hu tiegħu, jaħseb b'moħħ ħaddieħor iżjed milli b'moħħu.*

*GĦAL raġunijiet tekniċi l-istorja Maltija kontemporaneja ma tistax tinkiteb f'ilsien barrani. L-għejjun storiċi l-iżjed reċenti huma, fil-qofol tagħhom, bil-Malti. Biex tikteb*

*bl-Ingliż trid l-ewwel toqgħod tagħmel ħafna traduzzjonijiet li jtellfu l-ispontanjeta' lingwistika u l-ħlewwa naturali ta' l-espressjonijiet użati. Barra minn hekk, din il-kitba titlef dak li għandu jkun l-għan ewlieni tagħha — l-iskop edukattiv popolari — għaliex ftit li xejn tmiss ruħ il-poplu. Studjuż Malti, li jkun imrawwem fl-istudju xjentifiku tal-ġrajja, iżjed jista' jasal biex iħares lejn il-fatti u ċ-ċirkustanzi bl-istess għajnejn li jkunu rawhom ta' qablu, milli jista' jasal xi ħadd stranġier. Kellna wisq kotba miktubin fuqna minn barranin li fettxew l-informazzjoni tagħhom f'ġurnali u rivisti bit-Taljan jew bl-Ingliż f'Malta, jew inkella fittxewha barra minn Malta biss, per eżempju fil-"Public Records Office" ta' Londra. B'dan il-mod mhux storja ta' Malta nkitbet, imma storja ta' klassi litterata f'Malta — storja ta' attitudnijiet uffiċjali jew preġudikati fuq l-istorja vera — storja meqjusa b'lentijiet superfiċjali u interpretata ħażin. Imma mhux din hija ġrajjet artna li, bħal qalb naturali, tħossha f'tagħha meta tkun f'darha ma' niesha.*

*ALMENU minn żmien Mikiel Anton Vassalli 'l hawn, kull xorta ta' storja Maltija min-nies li lanqas jifhmu bil-Malti hija bilfors nieqsa mill-oġġettivita' storika serja. U dawk il-Maltin li, bi preġudizzju, jippreferuha minn kitba suret in-nies bil-Malti, dawk ikunu l-imżażen fix-xibka tal-medjokrita' li nisġulhom il-ħakkiema barranin. Forsi kien minħabba dawn iċ-ċirkostanzi u attitudnijiet li għadha ma nkitbet l-ebda storja xierqa tar-Rivoluzzjoni Maltija. Ebda barrani ma seta' jmiss ħaġa daqshekk niffieda. U forsi għalhekk ukoll il-ftit li nkiteb s'issa fuq din il-ġrajja kien ispirat minn idejiet partiġjani. Ebda Malti ma ħares lejha bin-nuċċali kiesaħ tal-istudjuż u għarbel ix-xejriet kuntrastanti u l-ilwien armonjużi li fiha. In-nazzjonalisti ħarsu lejha bħala l-qawmien ta' poplu magħqud kontra l-kolonjaliżmu Ingliż. Il-laburisti qisuha bħala l-bidu tat-taqbida bejn il-klassi tal-fqar u dik tal-għonja.*

*DAN il-ktejjeb m'huwiex l-istudju twil u dettaljat li kien messu sar tal-1919. Din tal-1919 hija ġrajja unika li ssawwar is-sinsla ta' Malta tal-lum u ħaqha post kbir fi ġrajjet artna, post li s'issa ħadd ma ndenja ruħu jagħtiha. Din il-kitba, li hija mibnija l-iżjed fuq intervisti rekordjati ma' nies li kienu mdaħħlin fil-moviment politiku ta' dak iż-żmien, għandha bħala għan tagħha li titfa' xquq ta' dawl fuq l-1919 u tħajjar lil oħrajn jispeċjalizzaw u jipperfezzjonaw fl-aspetti differenti li hawnhekk huma meqjusa fil-qosor.*

*IL-ĠENERAZZJONI li tielgħa ftit li xejn taf dwar l-1919, u ftit ilu, fit-televiżjoni, fi kwiżż għat-tfal, kien hemm min qatt ma kien sema' bis-"Sette Giugno". Dan il-ktejjeb għalhekk, filwaqt li jfakkar lil dawk li l-1919 għexuha, irid jgħallem lil dawk li ma jafux biha. Il-ġrajja hija meqjusa hawnhekk b'mod analitiku iżjed milli dettaljat sabiex b'hekk joħorġu l-kawżi u l-effetti tar-Rivoluzzjoni, kif ukoll l-elementi fattwali u idejoloġiċi li kienu parti mit-taqliba nfisha. Kull wieħed mill-kapitoli f'dan l-istudju żgħir jista' jinfetaħ bħal murtal tal-festa, f'ħafna friegħi għammiela li forsi jkunu jistgħu jibdew jagħtu lil pajjiżna dak li s'issa m'għandux — inteliġenzja avantgardista li tomgħod u tikkummenta fuq il-polz dinamiku taż-żmien u tikkomunika mal-poplu biex tgħinu jitgħallem jaħseb tassew.*

Il-Furjana, 1.11.70. HENRY FRENDO

# Rivoluzzjoni mhux Rewwixta

Is-"Sette Giugno" — hekk kienet magħrufa din il-ġrajja min-nies tal-iskola ta' ħamsin sena ilu, u hekk hawn min għadu jsejħilha llum. Ir-raġuni hi li, dak iż-żmien, it-Taljan kien mitkellem iżjed mill-Ingliż u mill-Malti mill-klassi ta' nies litterati — l-avukati, il-qassisin, in-negozjanti u xi oħrajn. It-Taljan kien jintuża sew għax kien hemm ħafna kuntatti kulturali, u saħansitra żwiġijiet imħallta, ma' Taljani jew Sqallin, u kemm ukoll bħala rijazzjoni kontra t-tħabrik tal-ħakkiema Ingliżi favur l-ilsien, il-letteratura u l-kultura tagħhom.

Minn xi żmien 'l hawn, u l-aktar mindu l-Malti daħal bħala l-ilsien nazzjonali fil-kostituzzjoni ta' Malta indipendenti, is-"Sette Giugno" beda jissejjaħ is-Sebgħa ta' Ġunju. Iżda, sejjaħlu kif trid, is-Sebgħa ta' Ġunju mhux għajr ir-Rivoluzzjoni Maltija.

Tista' tgħid li f'kull pajjiż kien hemm taqlib mill-qiegħ f'dawn l-aħħar mitejn sena. F'Malta dan ġara wkoll. Iżda x'aktarx minħabba li Malta hi żgħira u konservattiva, il-kelma "rivoluzzjoni" dejjem kienet hawnhekk iddisprezzata b'mod speċjali. L-iċken ħaġa ġdida kienet toħloq stagħġib u għagħa. Għalhekk, mhux biss li s-"Sette Giugno" dam żmien twil biex jibda jissejjaħ is-Sebgħa ta' Ġunju, imma talli s-Sebgħa ta' Ġunju ħadd ma ried jagħarfu bħala r-Rivoluzzjoni Maltija u l-kelma "rivoluzzjoni" aktarx li għadha qatt ma ssemmiet bħala msieħba mas-7 ta' Ġunju.

Jeħtieġ li wieħed jagħżel it-tifsira ta' "rewwixta" minn dik ta' "rivoluzzjoni", għax hemm differenza l-aktar kbira bejniethom. Filwaqt li rewwixta mhix wisq aktar minn irvell, ħamba, tixwix li jitwaqqaf mill-awtorita' u x'aktarx malajr jintemm u jintesa', rivoluzzjoni tfisser "bini mill-ġdid", ċaqlieqa mis-sisien nett tal-gvern u tal-qagħda soċ-

jali — sew politika kemm ukoll, forsi, reliġjuża. Bħaddawran ta' rota mal-fus, rivoluzzjoni tqalleb ta' taħt fuq il-qagħda kollha — dak li jgħidulu *status quo* — u għandha effetti mhux biss immedjati, imma wkoll li jtulu.

Biex wieħed jagħraf lis-"7 ta' Ġunju" bħala rivoluzzjoni, hu jrid ikun jaf, qabel xejn, il-kawżi u l-effetti ta' din il-ġrajja. Jekk ma jirnexxilux jagħraf il-kobor u s-siwi ta' dawn il-kawżi u l-effetti, ma jkun jista' qatt jifhem is-siwi tat-taqliba storika li tkun twettqet. U biex wieħed jagħraf dan, jeħtieġlu jistudja l-ġrajjiet tas-"7 ta' Ġunju" fil-kuntest sħiħ tagħhom u anki jqabbilhom ma' ġrajjiet oħra fl-Ewropa.

Fl-Ingilterra r-Rivoluzzjoni tal-1688 saret biex tingħata setgħa akbar lis-sistema parlamentari. Fl-Amerika, ir-Rivoluzzjoni tal-1776 twettqet biex tinkiseb l-indipendenza mill-Ingilterra. Fi Franza, fl-1789, is-"Sansculottes" — dawk li ma kellhom xejn x'jitilfu u kollox x'jirbħu — qamu kontra s-saltna despotika ta' Lwiġi XVI u Marie Antoinette. Fl-Italja u fil-Ġermanja l-għlieda saret għall-uħudija tal-pajjiż waqt li fir-Russja r-rivoluzzjoni bolxevika tal-1917 tajjret lill-Kżar min-nofs u daħħlet il-kommuniżmu. Fil-Messiku r-rivoluzzjoni seħħet, bejn wieħed u ieħor, fl-1919, fost anarkija, faqar, u ġlied reliġjuż. Għall Malta kien is-"7 ta' Ġunju".

Kull waħda minn dawn ir-rivoluzzjonijiet għandha l-għeliemi tagħha li jitħażżu fl-immaġinazzjoni tal-poplu li jkun, u jnisslu fih bħal seher jew sakra ta' passjonijiet li jissoktaw ikebbsu n-nirien tat-taqlib. Hekk, ngħidu aħna, fl-Ingilterra, l-għelm kien qtugħ ir-ras tar-Re Karlu I: fl-Amerika kien il-"Boston Tea Party", meta ħafna rivoluzzjonarji Amerikani lebsin ta' Indjani, waddbu tunnellati ta' te' fil-baħar biex ma jħallsux it-taxxi fuqu lill-Kuruna Ingliża; fi Franza kien il-waqgħa tal-Bastilja, u nibqgħu sejrin hekk F'Malta r-rivoluzzjoni aktarx hija minsuġa mal-għajta ta' "Kulħadd għall-Belt", il-bajjunetti tas-suldati Ingliżi, in-negozjanti tal-qamħ, l-Assemblea Nazzjonali, u l-qtil ta' erba' Maltin, li tlieta minnhom kienu għadhom żgħażagħ.



**L-INAWGURAZZJONI TAL-MONUMENT LILL-MEJTIN TAS-VII TA' ĠUNJU. FUQ L-IRĦAMA HEMM MINQUXA L-KLIEM: "AI CADUTI DEL 7 GIUGNO 1919 — LA PATRIA RICONOSCENTE".**
Mix-xellug għal-lemin jidhru Dun Neric D'Andria, il-Konti Caruana Gatto, Dr. Ugo Mifsud, Dr. Massimiliano Debono, Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, il-Perit Pasquale Calleja (bil-wieqfa wara l-Gross), Dwardu Borg, il-Kaxxier tal-"Kumitat Nazzjonali għall-Mejtin u Feruti tas-7 u t-8 ta' Ġunju" Gianni Bencini (Riviżur ta' l-istess Kumitat), Dr. Andrea Pullicino (President tal-Kumitat) u l-Professur Karmelitan Anastasio Cuschieri qed jagħmel l-orazzjoni. Skond A. Scicluna Sorge fl-l Moti Maltesi Del 7-9 Giugno 1919, Una Pagina Storica della Lotta Nazionale di Malta, (Valletta, 1930), il-monument inkixef nhar it-8 ta' Ġunju 1925 ("ed inaugurato l'8 Giugno 1925 con l'intervento del Governo Nazionalista", p. XXXVIII).

il-għażla bejn rewwixta u rivoluzzjoni mhix, għalhekk, kwistjoni ta' tfittix tax-xagħra fil-għaġina, iżda hi ta' importanza kbira jekk is-"7 ta' Ġunju" se jingħata l-post li ħaqqu fi ġrajjet artna.

## Laburiżmu u Nazzjonaliżmu

Rivoluzzjoni ma hix sempliċi rewwixta jekk l-effetti tagħha jibqgħu jinħassu fit-tul. Iżda l-effetti jibqgħu jinħassu fit-tul biss meta, fit-taqliba, ikun hemm l-element tan-nazzjonalita', jiġifieri jkun hemm rappreżentati fiha bosta xewqat għal bidla, bosta xejriet li jkunu qegħdin jinħassu minn setturi diversi tas-soċjeta'.

X'aktarx li r-raġuni l-aktar importanti fis-"7 ta' Ġunju" kienet, għalhekk, sewwa sew din: illi kienet ġrajja nazzjonali, u mhux biss pressjoni ta' klassi, ta' grupp, jew ta' xi għaqda partikolari.

L-1919 kien żmien meta l-għażla bejn klassi u oħra, bejn il-"ħamalli" u l-"puliti" bejn il-fqar u l-għonja, bejn dawk "tar-raħal" u dawk "tal-iskola" kienet mhux biss teżisti imma tinħass qawwija. Iżda dawn iż-żewġ klassijiet ta' nies kellhom it-tnejn l-ilmenti serji tagħhom. M'għandniex xi ngħidu, mhux it-tnejn kienu milqutin bl-istess mod, imma t-tnejn kellhom għalfejn igemgmu. Dak li kien jagħfas fuq il-"baxxi" ma kienx jinħass mis-"sinjuri", imma daqskekk ieħor ma kienx jinkwieta u jħabbel ras in-nies "ta' bla skola" dak li kien idejjaq lil dawk "ta' l-iskola". Filwaqt li l-ħaddiem fqir kien jaħseb, qabel xejn u fuq kollox, fil-ħobża ta' kuljum, u forsi wkoll fil-festa u l-banda tar-raħal, in-nies "tal-iskola" — li kienu meqjusa, tista' tgħid awtomatikament, bħala l-mexxejja tal-pajjiż — kienu jħarsu l-aktar lejn il-problemi kulturali u kostituzzjonali.

Hekk, filwaqt li l-ħaddiema tat-tarzna kienu jgorru, ngħidu aħna, fuq l-impieg intermittenti — daqqa jibagħtu



**Parti mir-Rendikont mogħti mill-Kumitat Nazzjonali "għall-Mejtin u Feruti tas-7 u 8 ta' Ġunju 1919".**

(at 7 p.m.)



Lorenzo Zammit "Naro" Mien kenu li beda il-ġbir - ħdein il-Kamra tal Borġa b'eċċezzjoni

għalihom għax-xogħol u daqqa jagħtuhom is-sensja, xogħol mingħajr garanzija ta' impieg sod — l-avukati u l-qassisin narawhom jiddiskutu bla heda ċerti problemi — bħal dawk tal-lingwa, kostituzzjoni, nazzjonalita' u oħrajn bħal dawn — li għandhom aktar x'jaqsmu mal-progress ġenerali tal-pajjiż milli ma' dak tal-klassi tal-ħaddiema. Huma kellhom aktar interess fil-ħajja politika milli fil-ħajja soċjali; kienu jħabblu rashom iktar bil-kwistjoni ta' Malta bħala nazzjoni milli bil-kwistjoni tal-Maltin bħala poplu u tal-ħaddiema bħala klassi tas-soċjeta'.

Min-naħa l-oħra, dawn iż-żewġ xejriet, għad li jidhru hekk kontra xulxin, kienu jwasslu għall-istess ħaġa. Jekk tinkiseb kostituzzjoni aħjar, din kienet imbagħad twassal għal amministrazzjoni iżjed rappreżentattiva tal-bżonnijiet tal-poplu, filwaqt li titjib fil-għoli u l-livell tal-ħajja kien iwassal għal ġustizzja soċjali aktar kbira, li kien qed jinħass bżonn l-aktar urġenti tagħha.

Iżda forsi mkien ma tidher id-differenza bejn il-laburiżmu u n-nazzjonaliżmu Malti daqs kemm tidher fis-"7 ta' Ġunju", għallinqas kif kienet teżisti din id-differenza ħamsin sena ilu. Fis-"7 ta' Ġunju" dawn iż-żewġ forzi ngħaqdu.

Fuq naħa l-waħda nsibu lil Filippo Sceberras u l-Assemblea Nazzjonali. Din l-Assemblea kienet iltaqgħet għall-ewwel darba fi Frar tal-1919 u kienet magħmula l-aktar minn membri tal-klassi tan-nofs; iżda kien fiha wkoll xi nobbli u għadd mhux ħażin ta' ħaddiema tas-sengħa u ta' l-id.

Fiha kienu rappreżentati l-istituzzjonijiet kollha — ċivili, reliġjużi u professjonali. Billi ġeneralment kienu l-president u s-segretarju ta' kull għaqda — il-biċċa l-kbira professjonisti — li kienu jattendu, l-element tal-ħaddiema fiha ftit kien jagħti fil-għajn. L-Assemblea kienet tiltaqa' fil-*Giovine Malta* ta' Enrico Mizzi, il-Belt Valletta, u l-idejal ewlieni tagħha kien l-"Awtonomija Politika".



l'għada – il Ħadd, il ftit [illegible] [illegible] – u suldat Ingli[illegible]
[illegible] [illegible] [illegible] mal flus.

Fuq in-naħa l-oħra kien hemm l-element l-aktar imċaħħad u maħqur fil-qagħad ta' wara l-gwerra. Dan kien magħmul mill-klassi tal-ħaddiema, li ftit li xejn kellhom tmexxija organizzata, imma li kullma jmur kienu jingħaqdu dejjem aktar f'għaqdiet li jixbħu t-"trade unions" tal-lum.

Dawn iż-żewġ naħat kienu t-tnejn kontra l-amministrazzjoni kolonjali Ingliża, iżda la kienu jifhmuha l-istess u lanqas kienu jimxu bl-istess mod. L-inkwiet l-iżjed drammatiku fis-7 ta' Ġunju beda fit-triqat waqt li l-Assemblea kienet qed tiltaqa' fil- *Giovine Malta* . Għad li b'mod differenti, dawn iż-żewġ forzi kienu qegħdin jiġbdu ħabel wieħed, li kellu jwassal għal taqliba sħiħa. Bħala qawmien ta' poplu sħiħ — u mhux biss ta' settur jew ta' klassi waħda — is-"7 ta' Ġunju" għandu tifsir wisq akbar minn dak li qatt ingħatalu s'issa.

## Il-Qagħda Soċjali, Politika u Reliġjuża

It-tfaqqigħa tas-7 ta' Ġunju seħħet minħabba għadd ta' kawżi. Xi waħdiet minn dawn il-kawżi kien ilhom jeżistu tul bosta snin, u kienu, biex ngħid hekk, l-isfond li fuqu mbagħad dehru l-kawżi l-ġodda. Waqt li l-kawżi l-qodma kien qishom is-silla li turik mnejn qed jonfoħ ir-riħ, il-kawżi l-ġodda kienu l-ġamra li waqqgħet fuq il-ħuxlief u li, fiċ-ċirkustanzi, ma setgħetx ma tqabbadx il-ħuġġieġa.

Matul is-seklu dsatax, u l-aktar wara r-rapport ta' Keenan fl-1878, il-kwistjoni tal-lingwa tat daqqa ta' ħarta lill-edukazzjoni f'Malta. Iżda barra minn hekk, l-amministrazzjoni kolonjali kienet, minn awl id-dinja, tinteressa ruħha l-aktar minn Malta bħala fortizza. Hekk naraw li, minkejja t-twaqqif ta' Dipartiment tal-Iskejjel Primarji fl-1840 (wara r-rapport tal-Kummissjoni Rjali tal-1838), wieħed u ħamsin sena wara kien għad hawn 80 fil-mija tal-irġiel bejn il-45 u l-50 sena, u 85 fil-mija tan-nisa tal-istess grupp, li ma kenux tgħallmu jaqraw. Tletin sena wara, jiġifieri fis-



L-aħħar Kunsill tal-Gvern qabel ingħata s-"Self-Government" fl-1921. Fuq mix-xellug għal-lemin jidhru l-Onor. membri Nutar G. Gabarretta (Elett), Perit Ninu Cremona (Uffiċjali), Edward Mifsud (U.), P.P. Decesare (U.), Spiżjar Guże Vassallo (E.), Avv. Enrico Mizzi (E.). Fin-nofs, fl-istess ordni: Prof Temi Zammit (U.), Leone Benjacar (U.), Giuse Huber (U.), Tabib Attilio Crietien (U.), P.L. Guże' Muscat Azzopardi (E.), Edgar Bonavia (U.), Gianni Bencini (E.). Bil-qiegħda Ninu Dalli (E.), Tabib Andrea Pullicino (E), Lt. Gov. Wm. Roberston (U), Sir Michelangelo Refalo, Prim Imħallef u V/Pres. tal-Kunsill (U.), Avv. Arturo Mercieca (wara Sir, magħruf bħala "Cato") (U.), Lorenzo Gatt (U.) u Edward Briffa (U.).

sena 1921, tista' tgħid tliet kwarti mill-popolazzjoni ma kienu jafu jiktbu bl-ebda lingwa.

Ħtija ta' l-apatija ta' l-amministrazzjoni kolonjali, in-nuqqas ta' tmexxija għaqlija tal-poplu u, aktar u aktar, ħtija tal-fatt li, mill-1891 sal-1921, il-popolazzjoni kotrot minn 165,000 għal 213,000, il-qagħda tad-djar kienet kerha mhux ftit. Dan in-nuqqas ta' djar xierqa kien jinħass l-aktar fil-bliet u s-subborġi tagħhom. L-agħar post kien il-Furjana,

fejn fis-sena 1891, kienu jgħixu 1,249 ruħ f'241 kamra biss, jiġifieri, ras għal ras, ftit aktar minn ħames persuni f'kull kamra. Fl-istess sena, fil-Belt Valletta kien hemm 4,571 ruħ jgħixu f'885 kamra, li jfisser, li hemm ukoll kien hemm jgħixu ras għal ras f'kull kamra ħames persuni. Fl-1921, wieħed minn kull ħamsa min-nies tal-Belt u tal-Furjana kienu joqogħdu f'kerrejjiet.

Din il-qagħda hekk kiefra kellha effetti koroh fuq l-iġjene, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-ħajja soċjali tal-poplu, kif jidher mill-għadd li jbeżża' ta' trabi li kienu jmutu. Bejn wieħed u ieħor, f'Malta u Għawdex terz tat-trabi kienu jmutu mat-twellid, bħalma ġara matul l-għaxar snin ta' bejn l-1911 u l-1921. F'ċerit rħula l-imwiet kienu jlaħħqu mal-40 jew 41 fil-mija.

Qed insemmi l-edukazzjoni u d-djar mhux għax dawn kienu waħidhom il-problemi serji soċjali, iżda l-għaliex kienu x'aktarx l-iktar importanti u għalhekk għandhom jinteressawna mill-qrib.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' politika nsibu l-akbar interess fost l-"intelligentia", li kienu maqsumin, bejn wieħed u ieħor, fi tliet partiti. Kien hemm is-Savonjani, li kienu favur l-Ingliżi; kien hemm il-Mizzjani, li kienu favur l-Italja; u kien hemm dawk li kienu jissejħu "tal-Gvern" — il-bażużli tal-amministrazzjoni li kienu sew Ingliżi kemm Maltin, kultant anki membri tal-Kunsill tal-Gvern.

Il-kuxjenza soċjali fost il-poplu bdiet tinħoloq l-iżjed fil-bidu tas-seklu għoxrin, minn nies bħal Wistinu Levanzin, Manwel Dimech u oħrajn. L-iżjed importanti fosthom, fis-sens politiku kien Dimech, li aktar tard ta ismu lid-"Dimekkjani".

F'dak li għandu x'jaqsam ma' reliġjon, insibu imbagħad li l-Maltin kienu devoti ħafna lejn il-Knisja. Il-qassisin kienu fuq l-idejn, u meta raġel kien jilmaħ saċerdot kont tarah ilesti ruħu biex jaqla' l-berritta b'tislima minn kantuniera

bogħod. Il-festi, in-nar, il-partiti, il-każini tal-banda, u, m'għandniex x'ingħidu, il-familja u x-xogħol, kienu l-qofol tal-ħajja tal-biċċa l-aktar kbira tal-poplu tagħna. L-għadd tal-kleru fl-1891 kienu 1,300, u baqa' hekk għal ħafna snin. Il-qassisin kienu jieħdu sehem attiv fil-pulitika, u, skond ma jgħid l-istoriku Faure', kull laqgħa pulitika fil-pjazez tal-bliet u l-irħula kienet tagħlaq bl-għajjat ta' "Viva r-Reliġjoni!", "Viva l-Patrija", "Abasso l-Mażonerija". (Ara Giov. Faure, *L-Istorja ta' Malta u Għawdex bil-Gżejjer tagħhom u l-ġrajjiet li saru fihom*, (1916), sp. Vol. IV pp. 269-71.

## Il-Kawżi Immedjati

Matul il-gwerra l-kbira tal-1914/18, il-ħajja la kienet ħarir u lanqas blanzun tal-ward. Kien hemm it-tama ta' rebħa Ingliża (li seħħet), u kien hemm ukoll it-tama li din ir-rebħa mbagħad twassal għal kundizzjonijiet aħjar; imma din baqgħet avolja l-gwerra ntemmet.

Xi sena qabel ma bdiet il-gwerra kien żdied ix-xogħol minħabba l-bini tal-"*breakwater*" u ta' xi baċiri ġodda. Meta waqfu dawn ix-xogħlijiet, ingħataw ħafna sensji u bosta kienu dawk li sfaw mingħajr xogħol.

Meta imbagħad bdiet il-gwerra, din reġgħet ġabet magħha ċaqlieq ta' xogħol, l-iżjed ta' tiswija, imma wkoll negozji oħra ta' komunikazzjoni u dwana, biex ma nsemmux ukoll il-kuntrabandu u "black market" li minnhom uħud għamlu l-flus sew. Iżda meta waqfet il-gwerra eluf kienu dawk, l-iżjed impjegati tat-tarzna, li ġew mill-ġdid lampa stampa.

Fl-1916 kienet twaqqfet l-"Imperial Government Workers Unions" u fl-1917 kien sar strajk mill-impjegati tat-tarzna għal pagi aħjar. Kienet saret ukoll dimostrazzjoni. Dak iż-żmien iż-żieda kienu ħaduha għaliex l-effiċjenza kien hemm bżonnha fit-Tarzna, iżda meta mbagħad ma kienx hemm bżonnhom iżjed, ebda strajk ma kien jiswa.

Minħabba ż-żieda fil-qagħad (li, fost affarijiet oħra, wasslet għal żieda fl-emigrazzjoni) u l-għoli tal-ħajja (speċjalment tal-ħobż), il-Gvern kien għamel liġijiet kontra l-qliegħ żejjed. Dik il-ħabta l-kritika tal-gvern kienet illegali u minħabba l-gwerra l-gazzetti ma setgħux igħidu li jridu. Dan ma jfissirx li ma fetħux ħalqhom. Wara s-"7 ta' Ġunju" Nerik Mizzi kien akkużat mill-Kummissjoni bħala xewwiexi u sedizzjuż minħabba l-artikli anti-Ingliżi li kienu jidhru f'*La Voce del Popolo* u mkien ieħor.

Barra minn dan, fl-1918 saru żewġ Ordinanzi importanti, waħda taxxa fuq il-bolli u d-divertiment, u l-oħra fuq is-suċċessjoni u d-donazzjoni.

F'dawn iż-żewġ Ordinanzi, li qajjmu plejtu sħiħ fost il-poplu kollu, għandna naraw il-klassijiet privileġġjati u dawk fqar kif kienu f'dan iż-żmien. Kienu liġijiet li jolqtu lis-sinjuri wisq iżjed milli lill-fqir. L-Ordinanza tas-Suċċessjoni u d-Donazzjoni kienet tinkludi ukoll l-għoti tal-benefiċċi u għalhekk kienet tolqot lill-Kleru. *L-Assembea Sant Fournier*, li kienet għaqda tan-nobbli u s-sinjuri, opponiet dawn il-passi bl-aħrax. L-*Assemblea* kienet kontra t-taxxi diretti. Fil-25 ta' April 1919 l-*Assemblea* ppreżentat memorandum lill-Gvern fejn ipproponietlu li jissellef il-flus li jkollu bżonn (probabbli li kieku kellu jagħmel hekk kien ikollu jissellef minn għandhom stess); li jikri l-art tal-gvern bl-offerti (naturalment biex l-ogħla offerti jkunu tagħhom); u (l-iżjed waħda vili) li jżid it-taxxi ndiretti. Ta' min jinnota wkoll li l-presidenti onorarij ta' din l-*Assemblea* kienu l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, filwaqt li fost id-delegati kien hemm Sir Gerald Strickland.

Kulħadd iħokk fejn jieklu. Lil din il-klassi ta' nies dak iż-żmien kien qed jiekolhom il-but. Lill-klassi tal-ħaddiema, bi ftit eċċezzjonijiet, kien qed jiekolhom id-dud.

L-Avukat tal-Kuruna, Dott. Mikelanġ Refalo, iddefenda l-Ordinanza u ġibed is-simpatija ta' dawk li kienu jħobbu lill-ħaddiema fqar.



Id-Dimostrazzjonijiet tal-istudenti universitarji — waħda mill-kawżi mmedjati ta' l-irvell.

Fl-1916-17 kien hemm l-inkwiet ta' l-istudenti universitarji li kienu qamu kontra l-awtoritajiet ta' l-Università minħabba nuqqas ta' qbil fuq l-għoti tal-lawrji. F'Mejju 1919 il-protesti ta' l-istudenti kienu fl-aħjar tagħhom.

Għal din il-ħabta wkoll bdew jiżdiedu f'Malta r-refuġjati Russi. M'għandniex xi ngħidu dawn kellhom friska f'moħħom il-ġrajja ta' l-1917 u setgħu jiddiskrivu l-qagħda tal-ħaddiema u l-bdiewa Russi taħt il-bolxevisti. (Fir-rumanz storiku *Ivan u Prascovja*, li kien beda jippubblika Manwel Dimech fl-1905, il-qagħda soċjali u politika Russa kienet diġa' ġiet imfissra sewwa ħafna).

Il-korp tal-Pulizija ma tantx kien organizzat tajjeb. Iżjed importanti, fl-1919 il-pulizija kienu qegħdin jokorbu għaż-żieda u jikkontemplaw l-istrajk.

Meta wieħed igħodd ma' dawn il-kawżi kollha l-*Assemblea Nazionale* ta' Filippo Sceberras, isib il-mejda lesta.

## Il-Ħobż Iswed u n-Negozjanti tal-Qamħ

Il-ħobż minn dejjem kien il-qofol tad-dieta Maltija. Minn żmien żemżem il-qamħ kien l-aktar ħaġa meħtieġa għall-ikel u konna nġibuh minn Sqallija u minn pajjiżi oħra, kultant saħansitra skond trattati speċjali. Għall-Malti, l-qamħ huwa l-ħajja u fil-qwiel tiegħu m'hemm xejn imsemmi daqs il-ħobż — 'ħobż u ilma', 'fik il-ħobż', 'il-ħobżna ta' kuljum', 'ħobż u ġobon', 'x'ħobż jiekol?', 'ħobż u sikkina', u ħafna oħrajn.

Jekk jonqos il-ħobż, jagħfas il-ġuħ. Jekk jeħżien il-ħobż, il-ġurnali jimtlew bl-ilmenti u l-kritika. Żaqq il-Malti trid il-ħobż Malti. L-importanza li dejjem kellu l-ħobż f'Malta tidher saħansitra min-numru ta' ħebbieża (għaġġiena) u furnara li kien hawn, ngħidu aħna, fl-1851: iktar minn 700 għaġġien u 'l fuq minn 600 furnar. Fl-1861 kien hawn 615 għaġġien u daqshekk ieħor furnara. Meta wieħed iqis in-numru żgħir ta' rħula u bliet f'Malta ma jridx

wisq biex jifhem kemm kien hemm numru kbir ta' nies jaħdmu fil-ħobż, l-aktar f'Ħal Qormi.

Wara l-gwerra tal-1914/18 ġara dak li ma setax iġib għajr għawġ. Il-ħobż ħżien; in-negozjanti u l-bejjiegħa tal-ħobż stagħnew; iżda l-aktar li għamlu l-flus kienu l-importaturi tal-qamħ. Dawn kellhom, tista' tgħid, monopolju ta' l-ikel l-aktar meħtieġ fil-ħajja tal-pajjiż. Izzokkor ukoll beda jinbiegħ bil-"black market", iżda kien il-ħobż li kien qed jogħla l-iżjed.

Fil-1918, l-Onor. Francesco (Ċikku) Azzopardi, P.L., ipprova jneħħi t-taxxa fuq il-qamħ. Għall dan ilgħan huma ressaq mozzjoni quddiem il-Kunsill tal-Gvern. Dan li ġej huwa traduzzjoni ta' biċċa mid-diskors bit-Taljan ta' Azzopardi:



Manwel Attard, parrukkier żagħżugħ ta' 26 sena minn Tas-Sliema, maqtul mill-Ingliżi fi Triq l-Ifran, il-Belt, nhar is-7 ta' Ġunju 1919.

"Aħna lkoll nafu li dan l-aħħar il-prezz tal-ħobż tela minn 5½ soldi jew 5¾ soldi għal 7 soldi r-ratal, filwaqt li qabel il-gwerra ma kienx ħlief 2½d ir-ratal; u qabel ma reġa' żdied il-prezz diġa' kien għoli wisq għall-fqar kollha. Il-ħobż huwa l-ikel ewlieni tal-klassi tal-fqar fil-gżira, u kap ta' familja li għandu paga ta' 2 xelini jew 3 xelini kuljum u bihom irid iżomm lil martu u tlieta, erbgħa jew ħamest itfal, bil-fors ikollu jbati l-ġuħ b'dan il-prezz hekk għoli li wieħed irid iħallas għall-ħobż... Kif jista' jkun li dan l-imsejken fqir jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tal-familja tiegħu bil-biċċa salarju li jkollu? Bil-fors ikollu jiddispra."

Il-mozzjoni ta' Azzopardi ma ssekondaha ħadd.

Jekk nagħmlu kalkolu żgħir insibu li jekk familja ta' sitta kienet tiekol tlitt irtal ħobż (xelin u disa' soldi) u l-missier kellu biss paga ta' 2 xelini, jibqa' 3 soldi għall-bżonnijiet l-oħra kollha. Kienet qagħda li mhux għalkemm tneħħiha minn quddiem għajnejk jekk tabilħaqq ikollok kuxjenza soċjali u nisranija.

Isimgħu t-tweġiba tal-Lieutenant Governor għall-mozzjoni ta' Azzopardi.

"Il-Gvern għamel kull ma seta' biex iniżżel il-prezz tal-qamħ u jagħmlu prezz raġonevoli, iżda mingħajr ma jneħħi t-taxxa fuq il-qamħ li minnha jġib biżżejjed flus, fi żminijiet normali, biex iżomm l-istituzzjonijiet tal-karita'. Irridu nsaħħu r-rieda tagħna u nissaportu sakemm ir-rebħa ġġibilna kundizzjonijiet aħjar."

## Nhar is-7 ta' Ġunju

Kien is-Sibt. Il-ħwienet ewlenin tal-Belt Valletta kienu magħluqa. Kienu għalqu għal kollox minn rajhom; ftakru fil-25 ta' Frar ta' qabel, meta l-Assemblea ltaqgħet għall-ewwel darba. Dak in-nhar in-negozju *A La Ville De Londre* (isem li jfisser 'Fil-Belt ta' Londra') kien għalaq biss wara li d-demostranti faqgħulu l-armatura bid-daqqiet ta' sieq u kissrulu l-ħġieġ bis-soldi. Mela ma kienx jaqbel li jibqgħu miftuħa.

Il-poplu kien qed jitmasħan u ried jirvilla.

Iżda anke nhar is-7 ta' Ġunju l-proprjetarju ta' *A la Ville de Londre* tella' fuq il-bejt il-bandiera Maltija bil-*Union Jack* f'nofsha. Ħajjitha kienet qasira dik il-bandiera. Mhux hekk kien id-destin tal-bandiera l-oħra, bajda u ħamra biss, li kienet qed tperper fuq il-bejt tal-*Giovine Malte*. Din kienet tfakkar fl-appell tar-rappreżentanti tal-poplu lill-Ingilterra, u kienet tfakkar, ukoll, fl-orizzonti kostituzzjonali



Sceberras mar-rappreżentanti tal-poplu waqt il-laqgħa ta' l-Assemblea.

ġodda li dawn kienu jistennew li se jkollhom il-ħila jiftħu għal Malta u Għawdex.

Kien għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar li wasal it-tabib Filippo Sceberras fost iċ-ċapċip ta' folla wisq akbar minn dik tal-25 ta' Frar. Xejn ma kienet taqta' ma' din id-dehra l-bandiera bil-*Union Jack* f'nofsha.

Qatgħa ġmielha ta' nies inġabret quddiem il-ħanut *A La Ville di Londra*. Sgassawlu l-bieb. Telgħu fuq il-bejt. Qaċċtu l-arblu bil-bandiera b'kollox, u f'kemm illi ngħid għamluhom trietaq.

Il-folla bdiet tiċċaqlaq.

Fuq il-Biblijoteka kien hemm il-bandiera Ingliża; ma dametx wisq tmewweġ mar-riħ. Dlonk niżżluha, fost it-tfigħ ta' ġebel għall-palazz tal-Gvernatur, u għall-uffiċjali tal-gvern. Il-folol bdew jiġġerrew mat-toroq kollha tal-Belt, waqt li r-rappreżentanti tal-poplu inġabru fil-*Giovane Malta* biex jibdew il-laqgħa.

Fuq it-turretta tal-Universita' l-qadima kien hemm ukoll il-bandiera Ingliża, u magħha kien hemm għassa żewġ suldati. Għassa kienu u għassa baqgħu, għax waqt li tniż-żlet u ntefgħet għal isfel, fejn ingħatat in-nar max-xita ta' bankijiet, kotba u mapep, iż-żewġ suldati ma tniffsux.

Il-bandiera Ingliża kienet tfisser l-amministrazzjoni ko-lonjali. Issa l-folla bdiet taħseb fil-bażużli ta' dik l-ammi-nistrazzjoni, f'dawk is-sangisugi li kienu qed itaqqlu bwiet-hom u jħaxxnu żaqqhom mingħajr ma jimpurtahom xejn mill-fqir. Dawn il-persuni feġġew bħal beraq fl-immaġinaz-zjoni tal-poplu. Minn Misraħ il-Palazz il-folla nqasmet fi kikek kbar. Kien hemm dawk li daħlu fl-istamperija tad-*Daily Malta Chronicle*; kien hemm oħrajn li daru għall-post ta' Cassar Torreggiani, u oħrajn li marru għall-prokuratur legali, Ċikku Azzopardi.

Fi żmien l-istrajk tat-tarzna fl-1917, id-*Daily Malta Chronicle*, gazzetta imperjalista, kienet ippubblikat artikolu li kien ta' xkiel għall-ħaddiema. Żammewh fil-komma dak l-



**Il-folla ta' quddiem il-Palazz fi Triq Irjali. Il-folla tidher emozzjonata għaliex fost l-imbuttar hemm membri tal-Pulizija tal-Militar.**

artikolu. Cassar Torreggiani, li kien joqgħod Triq l-Ifran, kien wieħed min-negozjanti l-kbar tal-qamħ, jekk mhux ukoll l-ikbar impotratur. Azzopardi kien ħa l-fama ta' bażużlu tal-Gvern. Hu kien ħareġ għall-elezzjoni għall-Kunsill tal-Gvern għal Għawdex kontra Mizzi, iżda għad li dan ġieb maġġoranza kbira ta' voti, ma kienx tħalla jieħu post fil-Kunsill minħabba l-kundanna tal-qorti li kellu.

Kienet tpattija qarsa u vendetta fis-sens veru tal-kelma.

Fl-istamperija tad-*Daily Malta Chronicle* intefgħu skorfini u viti kbar biex il-makkinarju jtir u jitfarrak. Ġuże'

Bartolo u l-impjegati kellhom jaħarbu mill-bieb tal-katina. Fid-djar ta' Cassar Torreggiani saret qerda bla ħniena — u pultruni u pjanijiet twaddbu minn fuq għal isfel. Cassar Torreggiani u l-familja staħbew fis-sotterran ta' darhom stess, filwaqt li Ċikku Azzopardi ħarab lejn San Pawl il-Baħar. Il-pulizija li kien hemm, bħaż-żewġ suldati tat-turretta tal-Universita', ma ndaħlu xejn. Uħud li tħajru jagħmlu xi ħaġa ma ħelsuhiex ħafif.

U imbagħad indaħlu s-suldati.

L-għajta tal-lejla ta' qabel: "kulħadd għall-Belt", għajta ta' sfida u ta' qawwa ta' qalb, issa nbidlet f'għajta oħra, għajta ta' biża' u ta' stmerra: "Ġejjin is-suldati!"

Bil-bajjonetti maħruġa s-suldati bdew resqin lejn il-folla, li bdiet tross jew titferrex, tgħajjat, tgħajjar, tissotta. Fost dan il-għagħa u taħwid is-suldati fetħu n-nar fuq in-nies, li l-armi tagħhom, li kienu ħaduhomlhom fil-gwerra, kienu għadhom ma tawhomlhomx lura; nies li aktarx xorta waħda kienu jitferrxu li kieku s-suldati sparaw fl-ajru jon-kella għamlu xi arresti.

Manwel Attard, minn Tas-Sliema, intlaqat b'balla f'nofs ġbinu u nsabat fl-art għall mejjet.

Ġużè' Bajada, Għawdxi, ħa balla f'ġenbu u waqa' fuq il-bandiera li kellu mgeżwra miegħu.

Wenzu Dyer, mill-Birgu, intlaqat ukoll, u fid-dagħdigħa tad-demm ġera għal quddiem id-*Daily Malta Chronicle* u hemm waqa' mejjet.

Mill-Assemblea ħarġu d-delegati jgħajtu "Vilta' ".

X'jiswa li tixher quddiem bajjonetta?

## Nhar it-8 u d-9 ta' Ġunju

Matul il-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ġunju fit-triqat tal-Belt ma kenux jinstemgħu ħlief il-passi tqal tal-għassiesa Ingliżi jidwu fil-ħemda tal-baħħ. Sebaħ il-Ħadd, 8 ta' Ġunju. Bejn għax kien Ħadd il-Pentekoste u bejn għall-kurżita',

imma fuq kollox għas-sodisfazzjon u bħala protesta, in-nies reġgħet għall-Belt. Is-suldati suppost li ngħataw ordni biex ma jisparawx ġol-folla.

Kien iċċara l-lejl, iżda l-faxex suwed tal-luttu kienu mwaħħla ma' kull bieb, ma' kull stabbiiment u ma' kull arblu bil-bandiera maltija mezzasta. Kuruni tar-rand kienu mixħutin fl-art f'nofs Misraħ il-Palazz u Triq l-Ifran b'wirja ta' qima għall-mejtin tal-ġurnata ta' qabel. Inbdiet ġabra għall-familji tal-mejtin u tal-ħafna feruti.

Kien jum ta' niket; iżda kien ukoll jum ta mibegħda.

Mhux wieħed jew tnejn kienu l-baħrin u suldati ingliżi li matul il-lejl u dak in-nhar stess sabu ruħhom fil-frisk. Waħda minn dawn il-ġlidiet saret fi Triq l-Ifran dak in-nhar u qajmet kommozzjoni. Mill-*Union Club*, li kien imsemmi għat-tendenzi tiegħu favur l-Ingliżi, intefgħu xi soldi fuq il-folla. Dan kien jonqos! Il-folla mill-ġdid daħlet fil-post tad-*Daily Malta Chronicle* u kompliet tfarrak u titfa' għall barra kull ma sabet. Ħabat se jingħata n-nar lill-istabbiliment kollu. Hawnhekk beda busillis ieħor.

Il-port kien fgat bil-baħrin u l-morini. Dak in-nhar kellu jasal il-Gvernatur il-ġdid, Field Marshall Lord Plumer.

Minkejja l-appelli ta' Sceberras u Mizzi biex il-poplu jżomm il-kalma, wara nofs in-nhar sar ħbit fuq Palazzo Buttigieg tal-Kurunell Francia, u fuq id-dar u l-imħażen tal-qamħ ta' Farrugia fil-Ħamrun u l-Marsa; uħud minn dawn il-postijiet ingħataw in-nar.

Reġgħu dehru s-suldati Ingliżi ħdejn il-palazz ta' Francia, bil-bajunetti bħall-ġurnata ta' qabel, iżda bdew jisparaw fl-ajru. Din id-darba kien hemm ukoll ħafna suldati maltin, iżda dawn ftit kellhom il-qalb jindaħlu wara dak li kien ġara; fil-fatt qagħdu jħarsu lejn id-dimostranti.

Karmenu Abela, mill-Belt, kien ħdejn il-bieb tal-ġenb ta' Francia. Kien qed isejjaħ lil ibnu, li kien daħal ġewwa l-istabbiliment mar-rassa. Resqu fuqu l-morini bil-bajju-

[illegible handwriting]



L-Aħħar Tislima lill-vittmi. Eluf kbar ta' Maltin minn kull klassi soċjali jidhru ħdejn il-Bombi, il-Furjana qed jagħtu ġieħ lill-mejtin fil-funeral nazzjonali.

netti mwaħħla mal-azzarini, u riedu jarrestawh. B'risposta għar-reżistenza li għamel Abela, wieħed mis-suldati nifidlu żaqqu bil-bajjunetta. Skond l-artikolista Gerald Azzopardi f'*L-Orizzont* (5.6.70) Abela ttieħed l-Isptar Ċentrali, il-Furjana, fejn miet fis-16 ta' Ġunju.

In-numru tal-mejtin kien issa sar erbgħa. Skond il-ktieb "I Moti dell 7-9 Giugno, 1919" ta' A. Scicluna Sorge, ippubblikat biss għaxar snin wara s-7 ta' Ġunju, il-mejtin kienu b'kollox sitta, għax tnejn oħra, Ċikku Darmanin u Toni Caruana, mietu fl-isptar ftit wara. In-numru ta' feruti kien xi ħamsin, filwaqt li xi erbgħin kienu arrestati, li minnhom kien hemm min weħel sa 9 snin ħabs.

Wara dan kollu ma setax jonqos li ma jkunx iddikjarat stat ta' emerġenza. Hekk kien. Għal xi ġranet iċ-ċentri l-iżjed importanti tax-xogħol inżammu magħluqa. Ħadd ma seta' joqgħod jippassiġġa fit-triq. Ittieħdu l-passi kollha biex tinżamm l-ordni.

Nhar it-Tnejn, 9 ta' Ġunju, l-Isqof Awżiljarju Portelli għamel sejħa għall-kalma filwaqt li wara nofs in-nhar eluf ta' Maltin attendew għall-funerali tal-vittmi.

## Martri jew Briganti?

Bħal ċana minn fuq mejda ta' mastrudaxxa nkinsu l-ħwejjeġ prezzjużi mid-djar privati li kienu maħbuta. Ftit wara s-7 u t-8 ta' Ġunju ħafna bdew jistaqsu x'kienu daħlu jagħmlu tabilħaqq id-dimostranti ġewwa d-djar ta' Cassar Torreggiani, Azzopardi, Farrugia, Bartolo u oħrajn. Kienu tassew daħlu biss biex juru t-tmaqdir tagħhom bis-saħħa tal-vendikazzjonijiet li għamlu, jew forsi kellhom ukoll xi għan ieħor iberren f'moħħhom?

Tassew li bosta ħwejjeġ, l-iżjed dawk tal-għamara, intefgħu barra t-triq mit-twieqi, iżda ma' dawn kemm intefgħu fided u flus?

Allura dawn, kienu saru eroj u martri nazzjonali għax



Għadd ta' nies jidhru mdawrin mal-kuruni tal-fjuri bil-bnadar Maltin fuqhom quddiem il-Main Guard ftit qabel il-funeral ta' l-eroj, fil-post fejn miet Dyer wara li kien serrep sa ħemm minn fejn id-"Daily Malta Chronicle" faċċata. B'inizjattiva ta' La Valette u l-"King's Own" inġabru l-flus għal dawn il-kuruni. F'nofshom hemm il-berritta ta' Dyer bid-demm u bil-kukkarda ħamra u bajda fuqha.

b'kumbinazzjoni uħud intlaqtu mill-balal jew mill-bajunetti, fil-waqt li huma kienu japprofittaw ruħhom mis-sitwazzjoni?

Il-mejtin u l-feruti tas-"7 ta' Ġunju" kienu martri, jon-kella briganti?

Wieħed ma jistax jiġġeneralizza. Kien hemm minn dak u kien hemm mill-ieħor. Aktarx li l-erba' Maltin maqtula kienu fost l-iżjed ġenwini mid-dimostranti kollha u gralhom li ġralhom ftit jew wisq intortament. Abela mar isejjaħ lil ibnu biex jiskansah minn xi gwaj, sab ruħu f'nofs il-folla, u spiċċa b'daqqa ta' bajjonetta. Attard, il-parrukkier żagħ-żugħ Slimiż, qasam Triq l-Ifran waqt ordni kuntrarja, u midduh b'tir. Bajjada, l-Għawdxi, kien jinsab Malta b'kum-binazzjoni; jgħidu li ġie hawnhekk biex jagħmel passaport ħalli jemigra. Dyer kien dimostrant ġenwin u akkanit li, minbarra li kellu l-bandiera Maltija mdawra ma' għonqu, kellu saħanistra kukkarda ħamra u bajda f'nofs il-berritta — dik l-istess berritta, imdemma b'żewġt ilwien ta' ħmura, li kellha ssir is-simbolu tar-reżistenza tal-Maltin f'nofs Misraħ il-Palazz.

Iżda li sar is-serq jistqarru min kien preżenti, u Giuse' Orlando, fil-ktejjeb tiegħu "VII Ġunju" (1928), jgħid ċar u tond: "Xi serq minn dawk li dejjem lesti biex jippro-fittaw ruħhom sar" u "......xi serq żgħir" (p. 21). Orlando iżda jgħid li s-serq li sar "a proporzjon tar-rewwixta...... ta' min anqas biss isemmieh." L-għala ma ssemmiehx jekk huwa kien wieħed mill-fatturi li jolqtu l-għajn f'din il-ġrajja? "Bosta u bosta kie-nu l-ħwejjeġ ta" valur li ġew imwaddba fit-triqat min-għajr ma intmessew". Kif tista' ġġor pjanu jew pultruna d-dar? "Saħansitra qudidem id-dar tal-P.L. Ċikku Azzopardi rajt jinġabru żewġ liri karta. Dan juri li min kien ġewwa beda jwaddab kollox għal barra mingħajr ma jara x'inhu-ma". Jew juri li kienu waqqgħu lil xi ħadd li kien ġabarhom minn ġewwa? Hemm prova oħra li tiċħad dawn l-għajdud: ġimgħa wara s-7 ta' Ġunju, il-mandraġġ "kien imdawwar

bil-morini id f'id, fil-ħin li hemm ġewwa kienet qiegħda ssir tfittxija". U kemm kien hemm boloħ il-Mandraġġ li ma kenux jafu jaħbu jew jeħilsu mill-oġġetti prezzjużi li kienu ħadu, l-iżjed jekk kellhom ġimgħa ċans?

B'danakollu huwa minnu li "il-bidu ma kienx dan is-serq". Barra minn hekk, sakkeġġ bħal dan isir f'kull rivoluzzjoni u f'kull gwerra. Min jaf kemm minn dawk li serqu ma ġralhom xejn, la korrew, la mietu u lanqas inqabdu. Iżjed importanti minn dan, hu forsi l-fattur tal-ġuħ. L-iljun imġewwaħ jaħtaf l-ewwel biċċa laħam li jilmaħ u li tgħodd għal snienu.

Hija teorija li jaqblu magħha s-soċjoloġi li bniedem li għandu xi ħaġa żgħira f'idu jixtieq li m'għandu xejn. Min jaf kif jista' jkun aħjar milli hu (għax xi darba kien aħjar) iżjed ikun irid itejjeb il-qagħda tiegħu minn min ma jafx mod ieħor. Għalhekk ġeneralment hija l-klassi nofsana li tagħti l-ewwel imbuttaturi għal rivoluzzjoni.

Meta wieħed jistudja l-imġieba tal-folla fil-ġrajja, isib li mbagħad ix-xeni l-iżjed vjolenti u drammatiċi jsiru f'qalb il-qawmien popolari. Iżda l-imħuħ li jkunu kebbsu n-nar, jibqgħu importanti l-istess. Iżjed hemm ċans li ssir taqliba bħal din meta jkun sar xi titjib fil-livell tal-ħajja, u l-fqir ikun daq platt ieħor, ikun xtaq past ieħor flok il-bukkun ta' qabel. L-aptit jiġi ma' l-ikel. (Per eżempju, qabel ir-rivoluzzjoni tal-1789 fi Franza kien hemm ħafna inġustizzji, iżda Franza kienet tinsab aħjar mill-pajjiżi l-oħrajn fl-Ewropa, fejn kienet għadha ma saret l-ebda rivoluzzjoni).

Dan ġara f'Malta wkoll. Il-gwerra tal-1914-8, bħal bini tal-'breakwater' u l-baċiri ta' qabel, kienet ġabet magħha ċaqliqa ta' xogħol u risq. Din il-qagħda ntemmet meta waqfet il-gwerra. Eluf ta' ħaddiema li kienu bdew iduqu kundizzjonijiet aħjar spiċċaw b'subgħajhom f'ħalqhom.

Barra minn dan, kien hemm il-kawżi l-oħra, kemm immedjati kif ukoll fit-tul, li semmejna. Il-qilla ta' din ix-xorta

ta' nies kienet mistura, mhux minsija, f'dik il-qagħda nwiegħra li faqqgħet nhar is-7 u t-8 ta' Ġunju.

Għalhekk, kollox ma' kollox, il-vjolenza mhux ġustifikata tas-suldati Ingliżi, bir-riżultati li kellha, għamlet millmejtin eroj nazzjonali, martri li jibqgħu jissimbolizzaw ittbatija u l-kolonjaliżmu ta' dak iż-żmien, l-ispirtu rivoluzzjonarju tal-poplu Malti kontra d-despotiżmu u l-ġuħ.

## Is-Sehem tad-Dimechjani

Id-Dimechjani ħadu isimhom minn Manwel Dimech li, f'ċertu sens, hu l-ewwel soċjalist Malti.

Dimech twieled il-Belt Valletta fl-1860.

Fl-1914 kien eżiljat f'Lixandra, fejn miet fl-1921.

Fis-sena 1898 hu kien beda joħroġ *Il'1Bandiera tal-Maltin*, iżda waqqafha fl-1905 meta siefer u dam ħames snin joqgħod Genova.

Fl-1911, meta reġa' lura Malta, beda jippubblika millġdid *Il-Bandiera tal-Maltin* u sawwar għaqda ġdida li ssejħet *Ix-Xirka tal-Imdawlin*.

Mis-sena 1878 sal-1897, b'intervall żgħir ta' sena fl-1890, Dimech kien il-ħabs, fejn tgħallem jaqra u jikteb b'sitt ilsna.

Dimech ried l-emanċipazzjoni tal-klassi tal-fqar, u ssuġġerixxa ħafna riformi soċjali, li xi waħdiet minnhom damu snin kbar biex isiru, u oħrajn għadhom sal-lum ma seħħux.

Fl-1914, meta Dimech intbagħat Lixandra, l-organizzazzjoni tiegħu kienet attivista ħafna, u l-imseħbin kienu jingħaddu bl-eluf, u mhux bil-mijiet. Il-gwerra l-kbira waqqfet għal ftit snin, u tista' tgħid għal kollox, il-ħidma Dimechjana. Iżda mbagħad, wara l-gwerra, Dimech reġa' beda jissemma' u jitfakkar anki direttament, l-iżjed bis-saħħa ta' xi ġurnali mmexxija minn Dimechjani.



Il-"Professur" Emmanuel Dimech (lemin) jidher qiegħed imelles ras il-mogħża tal-ħabib tiegħu l-bidwi. B'dan Dimech ried juri li ma għandux ikun hemm distinzjonijiet bejn il-klassijiet soċjali Maltin. Huwa jidher liebes pulit, bil-kappell u bil-palju taħt spallejh, biex juri li anki l-ifqar ħaddiem kellu jżomm ruħu nadif u tajjeb kemm jista' jkun.

Id-Dimechjani kienu xorbu ħafna mhux biss mill-filosofija politika u t-tagħlim soċjali ta' Dimech, iżda fuq kollox mill-ispirtu ta' ħaqq soċjali, ta' sfida, ta' qlubija, ta' patrijottiżmu li Dimech kien jgħallem. Id-Dimechjani kienu issa individwi, u ma baqgħux organizzati, bħalma kienu qabel; iżda kien hemm ukoll fosthom uħud li baqgħu jżommu kuntatti ma' Dimech sa ma miet fl-1921.

Il-fortizza ta' Dimech kienet it-Tarzna. Bosta kienu l-"fitters", "burners", "drillers" u "Dockyard men" li kienu qarrejja regolari tal-*Bandiera tal-Maltin* u ta' xi ġurnali oħra li kien joħroġ Dimech. Jekk wieħed jeżamina kif kienet fis-sena 1914 is-sħubija fix-*Xirca Maltija* (kif bdiet tissejjaħ *Ix-Xirka tal-Imdawlin* wara l-1912) għandu jsib li madwar 50 fil-mija tal-membri kienu min-naħa ta' l-Isla. Minn dawn in-naħat ukoll kienu bosta mill-ħaddiema tat-Tarzna.

Fit-Tarzna beda d-disgwid fis-7 ta' Ġunju. U għad li mexxejja u organizazzjoni ftit li xejn kien hemm, f'dak li sar id-Dimechjani kienu jagħtu fil-għajn. It-tħażżiż jew pinġija tal-kliem "Kulħadd għall-Belt!" fuq il-ħitan, fil-latrini u mal-ħitan tal-iskola tal-apprentisti fit-Tarzna kienu xogħol id-Dimechjani, li mbagħad spikkaw ukoll bħala l-"gang leaders", biex insejħulhom hekk, fil-vjolenza tas-7 u t-8 ta' Ġunju.

Kienu nies li jaslu.

Mhux biss, imma kienu wkoll nies li kellhom ħjiel ta' kuxjenza soċjali.

Kellhom ċar f'moħħhom ix-xorti kiefra li kienet misset lill Dimech għax kien xtaqilhom il-ġid.

Imbagħad kienu wkoll, f'ħafna każi, nies bla ħlas xieraq, f'qagħda ta' tixwix, u għalhekk għamlu tagħhom.

Hi ħaġa tqila għalija biex insemmi ismijiet — uħud għadhom ħajjin — iżda li d-Dimechjani kellhom sehem di-

namiku fir-rivoluzzjoni hu fatt li ħadd ma jista' jiċħdu jekk hu jaf l-affarijiet tiegħu. Minn din il-klassi ta' nies Dimech ma kienx minsi fis-7 ta' Ġunju.

## Is-Sehem tal-Mizzjani

Fl-1919 il-Mizzjani kienu sħab Enrico Mizzi iktar milli kienu segwaċi ta' missieru Fortunato Mizzi. Iżda billi Nerik (twieled fl-1885 u miet fl-1950) mexa ħafna fuq il-passi ta' missieru (li twieled fl-1845 u miet fl-1905), nistgħu ngħidu li b' "Mizzjaniżmu" nifhmu filosofija politika waħda.

Fi ftit kliem, il-Mizzjani kienu pro-taljani akkaniti. Kienu favur l-ilsien u l-kultura taljana, u kontra l-ilsien u l-influwenza Ingliża. Nerik Mizzi temm l-edukazzjoni għolja tiegħu f'Ruma, u ppubblika ħafna kotba bit-Taljan, li fosthom insibu: *Per l'Italianità di Malta* (fl-1909), u *Malta Italiana* (fl-1912). Skond l-istoriku Albert V. Laferla, li kien ħafna favur l-Ingliżi, kliem Mizzi fuq twemminu kien dan: "Jien dejjem sostnejt sentimenti Taljani bi kliem sod u b'mod enerġiku kemm jista' jkun, u dejjem żammejt in-nazzjonalità Taljana ta' Gżiritna" (ara "British Malta", vol. 2, p. 214).

Dawn is-sentimenti pro-taljani, għalkemm eżaġerati, ma kenux fiergħa daqskemm jidher mad-daqqa t'għajn. Bihom, il-Mizzjani riedu jfissru r-rabiet kulturali latini li Malta kellha mal-Ewropa bħala wirt tagħha, u barra minn dan huma kienu jridu jużaw din il-pro-italjanità bħala għodda biex biha jsawtu l-ħakkiema Ingliżi. Kienet ir-rijazzjoni tagħhom



Enrico Mizzi

kontra l-kolonjaliżmu li fih kienet tinsab Malta dak iż-żmien.

Hekk kif fl-aħħar żmien tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta r-rejazzjoni kontra l-Kavallieri ħadet is-sura tar-repubblikaniżmu neo-franċiż, ir-rejazzjoni kontra l-Ingliżi fis-seklu dsatax ħadet ix-xejra ta' pro-italjanità.

Kien hemm ukoll il-kwistjoni tal-lingwa u tal-edukazzjoni, li l-aktar wara li xxandar ir-rapport ta' Sir Patrick Keenan fil-1878 (favur influwenzi Ingliżi akbar), kienet ħadet in-nar sewwa.

Il-Mizzjani u l-Ingliżi kienu sħana u bard: f'naħa l-waħda d-deni jaħraq ta' min iħoss li għandu edukazzjoni u kultura u ħila, iżda hu mirfus u mwarrab; u fin-naħa l-oħra r-reżħa ta' min jibqa' jagħmel li jrid bil-kalma kollha għax ir-riedni huma f'idejh.

Fit-8 ta' Mejju 1917 Mizzi kien arrestat, mgħoddi qorti marzjali u kkundannat sena ħabs (sentenza li mbagħad il-Gvernatur biddilha fi twiddiba ħarxa). Dan ġara mħabba l-attakki qawwija li Nerik kien għamel f'gazzetti Taljani kontra l-Ingliżi.

Fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919 il-Mizzjani kienu ħolju dibattitu kbir fuq il-kwistjoni tal-lingwa u fuq il-mod kif din kellha tkun inkorporata fl-abbozz tal-kostituzzjoni li kellhom ifasslu.

Barra minn dan kollu, l-Assemblea — waħda mill-kawżi ewlenin tas-"7 ta' Ġunju" — kienet tiltaqa' fl-istess *Giovine Malta*, li kienet is-"Sede Centrale" tal-Mizzjani u li l-President tagħha kien Mizzi, mislufa lir-rappreżentanti tal-poplu għall-okkażjoni.

Fis-"7 ta' Ġunju" l-Mizzjani tant kienu mdaħħlin li saħansitra s-Segretarju tal-Istat Taljan, il-Markiż Colucci, kiteb lil Mizzi biex jitolbu aħbarhom, billi huwa wkoll kien sema' bl-inkwiet li kien inqala' u tħasseb mhux ftit dwarhom.

Daż-żmien, il-fanatiżmu ta' dari sar jidher barra minn loku, iżda kemm Fortunat (li mitt sena ilu waqqaf il-Partit

Nazzjonalista) kif ukoll Nerik (li fl-1940 kien saħansitra internat) kienu ġenwini ħafna fl-idejoloġija tagħhom, u t-tnejn spiċċaw biex mietu fill-għaks.

## Is-Sehem tal-Istudenti Universitarji

L-istudenti ta' l-Universita' kellhom sehem importanti fir-rivoluzzjoni, imma dan kien x'aktarx sehem indirett. Fil-fatt, l-istudenti ma kenux qegħdin jiġġieldu direttament kontra l-gvern jew kontra l-ħobż ħażin. It-tilwima tagħhom kienet mal-awtoritajiet ta' l-Universita' stess, ħtija ta' tibdila li kienet saret fl-istatut ta' l-Universita'.

Skond din l-emenda fl-istatut, flok dottorat fil-liġi u fil-mediċina kellu jibda jingħata biss baċellerat, jiġifieri LL.B. jew M.B., flok LL.D. jew M.D. Hekk ukoll kellu jiġri fil-fakulta' tat-Tejoloġija, fejn id-dottorat (D.D.) kellu jsir baċellerat (B.D.).

Sena wara din it-tibdila, fl-1916, il-Kunsill Rappreżentattiv tal-Istudenti, li dak iż-żmien kien magħruf bl-isem ta' *Comitato Permanente Universitario*, kien ħareġ qatta bla ħabell favur il-proposta ta' Mizzi fil-Kunsill tal-Gvern favur il-kawża tal-istudenti.

Il-kwistjoni ħraxet mhux ftit; saru laqgħat u taħditiet mal-Kunsill u mal-Gvernatur, iżda deher li ma kienx jista' jintlaħaq ftehim.

Fl-10 ta' Mejju 1919, wara li aktar minn mitt student kienu ltaqgħu mas-segretarju tal-Gvernatur, l-istudenti għamlu marċ ta' protesta fil-Belt. Skond ir-rapport li deher fil-ġurnal *Il-Lupu* tas-27 ta' Mejju, f'dan il-marċ qam storbju sħiħ. Il-ġlieda ma baqgħetx iżjed ta' karattru akkademiku, iżda ħadet xejra aktarx politika. L-istess gazzetta tagħti rapport fuq "Il-Kawza ta' l-Istudenti" fit-3 u fl-10 ta' Mejju, u fis-27 ta' Mejju ħarġet b'appoġġ sħiħ għalihom b'artikolu taħt ir-ras "Bravi l-Istudenti"

Fit-23 ta' Mejju erba' studenti kienu ttellgħu l-qorti



Id-dimostraazzjoni tal-istudenti fi Triq Irjali. Fl-ewwel karrozza ddekorata hemm l-istudenti Rosario Frendo Randon, Eduardo Cretien, Paolo Borg Olivier u Carmelo Mifsud Bonnici.

mixlija bi ksur tal-paċi pubblika. Tnejn minn dawn l-istudenti kienu fil-fakulta' tal-liġi, u t-tnejn l-oħra kienu jistudjaw il-mediċina. Kienu Rosario Frendo Randon u Carmelo Mifsud Bonnici, Paolo Borg Olivier u Eduardo Cretien. Fit-30 tax-xahar telquhom għax sabuhom "mhux ħatja", u dan it-trijonf tagħhom wassal għal briju l-aktar kbir fit-toroq.

L-istudenti kienu kontra s-sistema l-ġdid, mhux biss għax kien jitlob żmien itwal ta' studju biex wieħed jasal għad-dottorat, imma anki għaliex din tal-"baċellerat" kienet tinsab fis-sistema Ingliż.

Barra minn hekk, darba minnhom l-istudenti kienu qattgħu l-bandiera Ingliża ta' fuq il-bejt ta' l-Universita' fi Triq San Pawl, il-Belt, u kissru wkoll xi ħwejjeġ bi protesta.



L-istudenti msakkrin fl-Universita' mill-pulizija.

Fl-10 ta' Mejju, waqt marċ minn tagħhom, huwa taw xebgħa bajd ħażin lis-Sur Ċikku Azzopardi, li kien membru tal-Kunsill u kien meqjus bħala traditur tal-poplu għax hu kien aċċetta post mal-Gvern u mbagħad għamel kawża lil Mizzi, rebaħhiellu, u ħadlu postu fil-Kunsill.

F'dawn id-dimostrazzjonijiet ta' l-istudenti kien hemm, għalhekk, mhux biss l-aspett għal kollox akkademiku, imma kien hemm ukoll xejra ta' protesta iżjed ġenerali kontra s-*status quo*.

Dan kollu kien qed jiġri biss ftit jien qabel ma faqqgħet is-siegħa ta' l-irvell, u kien qed jitmexxa minn dawk in-nies li l-poplu kien jagħrafhom bħala nies ta' l-iskola li jafu l-affarijiet tagħhom. Ma setax jonqos, għalhekk, li d-dimostrazzjonijiet ta' l-istudenti jinfluwenzaw ukoll l-opinjoni pubblika u jkomplu jħeġġu l-iskuntentizza fost il-poplu.

## Jibda t-Trejdjunjoniżmu Organizzat

Qabel is-7 ta' Ġunju kien hawn għadd kbir ta' soċjetajiet ta' "mutuo soccorso", li l-għan tagħhom kien li jgħinu lill-ħaddiema sew spiritwalment kemm materjalment. Iżda ftit jew wisq, in-natura essenzjali ta' dawn l-għaqdiet kienet iżjed dik ta' "soċjaliżmu nisrani" jekk kienet tasal moderata sa hawn.

Fis-sena 1900 kienet twaqqfet "Għaqda ta' Ħaddiema", li wara ħadet l-isem ta' *Għaqda ta' Ħaddiema Kattoliċi*, li kellu x'jaqsam magħha wkoll Manwel Dimech, iżda ħajjitha kienet qasira.

L-iżjed li bdiet tinħass l-influwenza trejdjunjonistika f'Malta kien għall-ħabta tal-1916-19. Din l-influwenza imbagħad ħadet spinta kbira bis-saħħa tar-Rivoluzzjoni u, fl-1921, bil-Gvern Responsabbli u t-"Trade Union Council" (T.U.C.).

Fil-fatt, meta wieħed iħares lura fil-ġrajja, għandu jintebaħ illi s-7 ta' Ġunju ġieb bħala wieħed mill-effetti l-iżjed

immedjati tiegħu, il-bidu tat-trejdjunjoniżmu organizzat.

Kien f'Lulju tal-1916 li l-ħaddiema tat-Tarzna bdew għall-ewwel darba jaħsbu bis-serjeta' sabiex iwaqqfu għaqda li tiddefendi l-interessi tagħhom. Fl-istess sena, Henry Ear u oħrajn waqqfu il-*Malta Government Workers Union*, li imbagħad lissemmiet *Imperial General Workers Union*. Fis-7 ta' Mejju, 1917, sar l-ewwel strajk kbir fit-tarzna għażżieda ta' 10 fil-mija. Is-sena ta' wara ngħatat żieda sostanzjali.

Forsi hi ħaġa tqila biex il-lum wieħed jifhem — meta hawn ġid hekk kbir fil-pajjiż — kemm kienu ħżiena l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġo Malta wara t-tieni gwerra dinjija, u kemm kien jagħfas il-bżonn ta' għaqdiet tal-ħaddiema biex jiksbu l-jeddijiet tal-membri tagħhom — jeddijiet li kellhom ikunu mħarsa bis-saħħa ta' liġijiet, kif inhuma llum.

B'danakollu tista' tgħid li f'Malta l-moviment laburista beda jinħass kważi mitt sena wara li nħass fl-Ingilterra. Fl-Ingilterra, x'aktarx il-pajjiż l-aktar avvanzat fl-Ewropa kollha fl-oqsma soċjali u politiċi, il-Moviment Cartist kien diġa' talab, fl-1832, bosta drittijiet għan-nies tax-xogħol, u fis-sena 1847 il-Gvern ta' Lord Shaftesbury kien diġa' għadda l-ewwel liġijiet li jirregolaw il-ħinijiet tax-xogħol.

F'Malta t-trejdjunjoniżmu kien influwenzat mill-moviment ingliż. Fil-fatt, bejn il-1920 u l-1921 ġie Malta darbtejn Mr. Matthew Giles, trade-unionista Ingliż, li għen mhux ftit biex jitwaqqfu l-*Workers' Union Branch No. One* għall-impjegati tat-Tarzna, u l-*Workers' Union Branch No. Two*, għall-impjegati tas-Servizzi. Ġie wkoll Malta, għall-istess għan, ċertu Mr. Duncan, li kien is-segretarju ġenerali tal-*London Workers Union*. Ftit wara t-twaqqif taż-żewġ *Unions li* semmejna, twaqqfet ukoll il-*Workers Union Branch No. Three*, għall-impjegati tal-partikular. L-istatuti



**Mr. Matthew Giles, it-trejdjunjonista Ingliż li tant għen għall-organizzazzjoni tal-Workers' Unions Branches 1, 2 u speċjalment it-3, għall-ħaddiema tal-partikular. F'dan ir-ritratt jidher qiegħed mal-membri tal-Workers' Union Branch No. 3, wara li kien ġie Malta fuq l-inizjattiva ta' "La Camera del Lavoro". Mix-xellug għal-lemin, bil-qiegħda, jidhru l-Onor. Gianni Bencini, Segretarju ta' l-Union, is-Sur Salvu Zammit Hammit, President, is-Sur Giles, Dun Ġużepp Gatt, u l-P.L. Gino Tua; bil-wieqfa hemm is-Sinjuri Ġuże' Debono, Ninu Schembri (Kaxxier), Michelangelo "Kikku" Borg, Robert Bencini u (l-inġinier) Agostino Matrenza.**

ta' dawn l-għaqdiet tal-ħaddiema tfasslu fuq l-istatut tal-*British Workers Union.*

Influwenza oħra mportanti din il-ħabta kienet dik ta' Fr. Dominic Plater, Ġiżwita, li ħabrek mhux ftit biex ixerred it-tagħlim soċjali tal-enċiklika *Rerum Novarum*. Fr. Plater, li waqqaf il-*Catholic Social Guild* fl-Ingilterra, issuġġerixxa li f'Malta titwaqqaf l-*Unione Leonina* imsemmija għall-Papa Ljun XIII tar-*Rerum Novarum*. Maż-żmien din l-għaqda saret il-*Malta Catholic Social Guild*. Fr. Plater miet f'Malta fil-21 ta' Jannar, 1921.

Għad li nħasset ħafna l-influwenza tat-trejdjunjoniżmu Ingliż u d-*Dockyard Union* kienet affiljata ma' xi għaqdiet Ingliżi, il-mexxejja Maltin ta' dak iż-żmien kienu

ħerqana li jibqgħu indipendenti, mingħajr ma jħallu x-xejriet soċjalisti Ingliżi jinfluwenzawhom. F'dan l-iżvilupp, it-tagħlim tar-*Rerum Novarum* instab ta' fejda, u din l-enċiklika saret bħal manifest tal-ħaddiema. Lanqas jgħid li l-aktar li saħħet l-importanza tar-*Rerum Novarum* kienet l-"Unione Cattolica San Ġużepp", li, fi Frar tal-1921, sejħet lill-għaqdiet kollha tal-ħaddiema, li mbagħad qablu bejniethom biex iwaqqfu konfederazzjoni b'*Kamra tax-Xogħol* u jirsistu għall-kostituzzjoni.

Fl-1920 twaqqaf it-*Trade Union Council*, aktarx fuq suġġeriment ta' Mr. Amery, u fl-1921 żewġ membri tat-T.U.C. intgħażlu biex ikunu membri tas-Senat, kif kien provdut fil-Kostituzzjoni l-ġdida.

## Minn "La Camera Del Lavoro" għal "Partit tal-Ħaddiema"

'La Camera del Lavoro', li ħarġet bħala fergħa mill-"Workers Union Branch No. 3", twaqqfet formalment fis-16 ta' Ottubru 1920 mis-sinjuri G. Bencini, A. Agius, A. Matrenza, R. Bencini, G. Arena, C. Bonello, M. Borg, A. Schembri, G. Tua L.P., M.A. Borg, u S. Zammit Hammit.

Dr. Piero Giuseppe Frendo, li kien avukat magħruf ta' sentimenti laburisti, laqa' l-istedina tal-fundaturi tal-"Camera" u nħatar President tal-Kumitat Eżekuttiv. Viċi-President sar il-Kurunell Willie Savona, LL.D., M.B.E. Bħala Segretarju ntgħażel is-Sur Ġanni Bencini; it-Teżorier kien is-Sur Mikelanġ Borg, u l-Assistent Teżorier is-Sur A. Schembri.

Għall-ħabta ta' l-aħħar tas-sena 1920, "La Camera del Lavoro" bdiet tissejjaħ informalment, u aktar tard formalment, "Il-Għaqda tal-Ħaddiema", biex il-poplu ikun jista' jifhem aħjar l-isem tagħha.

Il-Partit tal-Ħaddiema twaqqaf fil-15 ta' Mejju 1921 — fl-uffiċċju ewlieni tagħha.

Għal din il-laqgħa tal-Kumitat Ġenerali, li għaliha kien



Il-membri fundaturi ta' 'La Camera Del Lavoro' flimkien ma' (bilqiegħda mix-xellug għal-lemin) il-Kur. Willie Savona, LL.D., M.B.E. Viċi-President; Sir Filippo Sceberras, M.D., President Onorarju tal-Kamra tax-Xogħol u l-Professur Pier Frendo, LL.D., President. Ħdejn Frendo hemm l-Onor. Giov. Bencini Segretarju, filwaqt li bil-wieqfa, mix-xellug għal-lemin, jidhru s-Sinjuri Ninu Agius, Carmelo Bonello, Willie Arena, Michele Borg, Gaetano Bonello, Robert Bencini, Salv. Zammit Hammit, Toni Schembri, Gino Tua, Michelangelo Borg u Agostino Matrenza.

hemm 90 delegat mill-għaqdiet ewlenin tal-Gżira, *La Camera del Lavoro* kienet rappreżentata minn Dr. Frendo l-Prsident, il-Kur. Savona l-Viċi President, u s-Sur Bencini s-Segretarju.

Il-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit il-ġdid issawwar fis-6 ta' Settembru tal-1921. Kien magħmul minn: Kurunell W. Savona, LL.D., M.B.E., President; Pietru Bugelli, Viċi-President; Onor. Gianni Bencini, Segretarju; Arturo Mifsud,

Ph.B., S.B.T., Viċi-Segretarju; Alfonso M Borg, Kaxxier; u s-Sinjuri Robert Bencini, Michael Borg, John Craig, Carmelo Cutajar, Pier Frendo LL.D., Dun Ġużepp Gatt J.C.D., Joseph Hamilton, Carmelo Longo, Lawrence Pearman u Ercole Valenzia P.L., inħatru membri.

L-ewwel laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Partit tal-Ħadddiema saret fis-16 ta' Settembru. Il-Partit ikkontesta l-elezzjonijiet li saru fl-istess sena. Fit-30 ta' Ottubru, 1921, bħala membri tal-Eżekuttiv laħqu s-Sur Antonio Schembri u s-Sur Edgar Vassallo, flok l-Avukat Frendo u Michel Borg, li kienu telgħu deputati fl-Assemblea Leġisattiva.

Għakemm żewġ ħwejjeġ distinti u differenti minn xulxin, fl-ispirtu tagħhom l-iskopijiet ewlenin tal-Partit il-ġdid baqgħu, tista' tgħid, l-istess bħalma kienu dawk ta' *La Camera Del Lavoro* u "Il-Għakda tal-Ħaddiema". Iżda issa, minn mindu kien twaqqaf Partit, l-iskopijiet aktar infetħu, u saru għadd ta' tibdiliet. Kibret ukoll il-popolarita' tal-Partit.

Il-fehma ewlenija tal-Partit kienet li jġib 'il quddiem l-istat ekonomiku u soċjali ta' kollha kemm huma n-nies tax-xogħol, u l-aktar dak li kien joqros fil-laħam il-ħaj lill-fqar. Meta twaqqfet *La Camera del Lavoro*, il-ħtieġa ta' partit bħal dan kienet tinħass mhux ftit. Kienu l-istess membri tal-*bourgeoisie*, il-klassi nofsana, li ngħaqdu bejniethom biex jiksbu qagħda iżjed xierqa għall-ħaddiema.

L-istess Avukat tal-Kuruuna, Sir Michael Refalo, kien wera fil-Kunsill it-twemmin tiegħu dwar il-ħtieġa ta' kuxjenza soċjali aħjar.

Il-lum iż-żmenijiet tbiddlu; u mhux biss tbiddlu imma nqalbu kważi ta' taħt fuq, u forsi hi ħaġa tqila biex wieħed jifhem il-progress li laħaq sar. Dak kien żmien ta' faqar li jagħsar, l-iżjed fiż-żmien ta' wara l-gwerra, meta l-ħaddiem ma kien imħares tista' tgħid minn ebda liġi soċjali (kif nifhmuhom il-lum), meta l-edukazzjoni kienet nieqsa mhux ftit, u lanqas il-prinċipju ta' "bniedem wieħed, vot

wieħed" ma kien għadu aċċettat. Strickland, per eżempju, kellu 13-il vot.

Fl-elezzjoni tal-1921, il-Partit tal-Ħaddiema rebaħ 7 siġġijiet fl-Assemblea Leġislattiva.

F'Diċembru tal-1923 Dr. Pier Frendo irriżenja mill-Parlament u postu, bħala mexxej parlamentari, ħadu l-Kurunell W. Dundon, filwaqt li postu bħala rappreżentant imtela' mis-Sur Giov. Bencini.

Fid-29 ta' Novembru 1928, Dundon irreżenja mill-Parlament minħabba saħħtu. Bħala membru tal-Assemblea, post Dundon ittieħed mis-Sur Ġuże' Orlando Smith, u bħala mexxej parlamentari daħal it-tabib żagħżugħ Pawlu Boffa.

## Il-Kostituzzjoni l-ġdida

Mela fis-sala tal-*Giovine Malta*, fis-7 ta' Ġunju 1919, iddaħħal ferut Malti, xi ħadd bill il-maktur abjad tiegħu fiddemm ta' dak l-imsejken, u għajjat: "Araw fejnhom il-kuluri nazzjonali tagħna! Din hi l-bandiera tagħna!"

Il-Gvern Responsabbli li ngħata lil Malta bis-saħħa tal-Kostituzzjoni tal-1921 kien il-konklużjoni immedjata għal dik l-għajta patrijottika.

Meta fl-għagħa li qam mad-dħul ta' dak il-ferut u r-rappreżentanti ħabtu telqin ħesrem 'il barra, fuq suġġeriment tal-Monsinjur Depiro, it-tabib Filippo Sceberras malajr għażel l-iżjed waħda rappreżentattiva minn fost il-ħafna mozzjonijiet li kien hemm quddiem il-Kamra. Din kienet il-mozzjoni tan-Nutar Salv Borg Olivier, li mbagħad għaddiet unanimament.

Ir-rikkmandazzjonijiet ta' dik l-Assemblea Nazzjonali tal-1919 kienu qishom il-*magna carta* ta' Malta, u wasslu għall-Kostituzzjoni tal-Gvern Responsabbli.

Bis-saħħa tal-Kostituzzjoni tal-1921, il-Gvern Malti ngħata setgħa fit-tmexxija tal-affarijiet lokali. Hu kien res-



L-Ewwel Parlament Malti. Quddiem, kokka, jidhru mix-xellug għal-lemin l-onorevoli membri: J. Degiorgio (avukat), Salv. Zammit Hammit u Rob. Hamilton. Bil-qiegħda mix-xellug għal-lemin jidhru l-Onor. Markis Alf. Mattei, Mgr. Apap Bologna, And. Pullicino (tabib), Markis Apap Bologna, Ant. Dalli, Sir Gerald Strickland (Mexxej tal-Partit Kostituzzjonali) Mr. L.S. Amery (Under-Secretary of State for the Colonies), Jos. Howard (Kap tal-Gvern Nazzjonalista) M.P. Ingliż li kien qiegħed Malta, Mgr. Fran. Ferris, LL.D., Ugo Mifsud (avukat wara Sir), Konti Fredu Caruana Gatto, Mgr. Paolo Galea u Federico Caruana Gatto (avukat).

Bil-wieqfa, l-1 filliera, mix-xellug għal-lemin, Alf M. Galea, J.C. Camilleri, V. Busuttil, Mgr. Hili, il-Perit Borg, it-tabib R. Said, Kur. Ach. Sammut, F. Buhagiar (avukat, wara Kap tal-Gvern), Prof. Gustu Bartolo, Paola Borg Grech (avukat), Enrico Mizzi (avukat, Mexxej tan-Nazzjonalisti Demokratiċi), Kur. W. Dundon (tabib), Kur. W. Savona (avukat, Mexxej tal-Labour Party). Bil-wieqfa fuq nett jidhru fl-istess ordni Dun En. D'Andria, Filippo Nicolo' Buttigieg (avukat), Luigi Camilleri (avukat), G. Adami (avukat), Edgar Arrigo, skrivan tal-Kamra, u n-Nutar Salv. Borg Olivier, Edwin Vassallo (perit), Walter Salamone u s-sur Henry tal-Kostituzzjonali Michele Borg, Rev. Prof. Mikiel Gonzi, Prof. Pier Frendo u Ċensu Farrugia, C.E.

ponsabbli għall-Assemblea Leġislattiva, magħmula minn 32 membru eetti, kif ukoll għas-Senat, li kien magħmul minn 17-il membru rappreżentattiv tal-Kleru, tal-Gradwati tal-Università', tan-Nobbiltà', tal-Kummerċ u tat-*Trade Union Council*.

Iżda mbagħad kien hemm ħafna ħwejjeġ li l-Gvern Ingliż baqa' jżomm f'idejh: fosthom kien hemm id-difiża tal-Gżejjer, is-Servizzi militari, navali u oħrajn, il-kumnikazzjoni bit-telegrafu u b'mezzi oħra, kif ukoll ħafna postijiet u bini ieħor li nżammu għal kollox mill-Gvern Ingiż biex jamministrahom hu.

U għalkemm il-Parlament Malti seta' jbiddel ċerti partijiet mill-Kostituzzjoni, il-Gvernatur kien jista' f'isem il-Gvern Ingliż, jirtira l-Att tal-Kuruna, li kien jagħti d-drittijiet kostituzzjonali.

Il-Kunsill tal-Gvern ma kellux għalfejn jiltaqa' iżjed.

Din kienet kostituzzjoni li setgħet tissejjaħ għamla ta' Gvern Responsabbli, iżda naturalment kienet tiċħad lil Malta s-sovranità' ta' nazzjon indipendenti.

Kienet il-konklużjoni immedjata għas-7 ta' Ġunju, u għall-qofol rivoluzzjonarju li kienet timplika dik il-ġrajja, iżda ma kenitx it-temma tiegħu fit-tul.

Kienet il-bidu tat-triq twila u mħarbta li, wara nofs seklu, kellha twassal għall-ħelsien ta' Malta mill-kolonjaliżmu nhar il-21 ta' Settembru, 1964.

TMIEM

# BIBLIJOGRAFIJA

## *Intervisti*

Agius, Karmenu
Astarita, Salvu
Aquilina, Ġużè
Bencini, Ġianni
Cassar Pullicino, Ġużè
Cremona, Ġużeppi
Degiorgio, Duminku
Farrell, Frans
Felice, Victor
Formosa, Harry B.
Frendo, Ġużeppina
Galea Giuseppe
Mamo, Ariel
Muscat Azzopardi, Ġino
Stivala, Francis
Vella, Andrew P.
Zammit, Karmenu

## *Kitbiet Ippublikati*


*Boissevain, Jeremy,* Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta (Lond. 1965), Hal-Farrug: A Village in Malta (Holt, 1969).

*Belli, Ġiużè,* Storja ta' Malta u Għawdex (Stamp. Lombardi, Malta, 1932, Vol. VII, pp. 926).

*Cremona, J.J.,* An Outline of the Constitutional Development of Malta under British Rule (M.U.P., 1963).

*Dobie, E.,* Malta's Road to Independence(Univ. of Oklahoma Press, 1967).

*Faure', G.*, L-Istoria ta' Malta u Għawdex bil-Gżejjer Tagħhom u l-Ġrajjiet li saru fihom (Malta, 1916, IV Vol.).

*Laferla, A.V.*, Birtish Malta (Aquilina, 1946, II Vol.).
*Luke, Harry*, Malta (Corgi, 1960).

*Mercieca, Arturo*, Le Mie Vicende, Note Autobiografiche (Tip. S. Ġiużeppe, Malta, 1947).

*Mifsud Bonnici, R.*, Dizzjunarju Bijobiblijografiku Nazzjonali, Valletta, 1960).

*Orlando, Ġużè*, VII Ġunju (Chretien Co., Valletta, 1928, pp. 32, maħruġ mill-Partit tal-Ħaddiema).

*Scicluna Sorge. A.*, I Moti Maltesi Del 7-9 Giugno 1919, Una Pagina Storica della Lotta Nazionale di Malta (Valletta, 1930), Il Travaglia Politico e Spirituale di Malta (Tip. Ledda, Cagliari, 1933, estratto da 'Mediterranea', Anno VII, N. 1, pp. 14).

*Segond, Giovanni*, Storja ta' Malta u Għawdex (Stamp. Lombardi, Malta, 1931, Vol. VI, pp. 856).

*Smith, Harrison*, Britain in Malta (1953, Vol. II).

*Zammit, Temi*, Il-Gżejjer ta Malta u l-Ġrajja Tagħhom Miġjubin fil-Qasir għat-Tagħlim ta' Min Ma Jaqrax Ħlief bil-Malti (Empire Press, Malta. 1924).

## *Kitbiet Mhux Ippublikati*

*Frendo, Henry*, A Social Background to the Maltese Labour Movement, 1835-1928 (R.U.M., 1968), The Political Ideology of Dimechianism, 1860-1921 (R.U.M., 1970).

*Galea Scannura, C.*, A Brief Study of the 'Sette Giogno' Riots (R.U.M., 1968).

## *Ġurnali*

Chronicle, The Daily Malta, 1887-1940

Fkir Malti, Il-, 1923-4

Ħabib, Il-, 1912-3, 1914-6, 1917-24.

Ħajja, Il-, 1970

Ħmar, Il- 1917-28

Lupu, Il-, 1919

Malta, 1910-Ġunju 1919, 1920-Ġunju 1930

Maltin, Il-Bandiera tal-, 1898-1905, 1911-4

Oriżżont, L- 1970

Popolo, La Voce Del, 1918-9

Unjoni Maltija, L-, 1919.

"IŻ-ŻMIEN MA JISTAX JISTENNA IŻJED QABEL MA T-TAQLIB SOĊJALI-POLITIKU TA' DAN IS-SEKLU JINXTARR, JINKITEB U JIXXANDAR FL-ILSIEN LI JIFHMU L-POPLU KOLLU . . ."



Henry Frendo (1948-) mill-Furjana, studja fil-Liċeo u fl-Università ta' Malta. Interessa ruħu attivament fi ħwejjeġ soċjali u kulturali. Rebaħ għadd ta' "scholarships" u ħa sehem f'laqgħat internazzjonali. Mexxa l-kampanja "Djar għall-Maltin" fl-1969, l-istess sena li fiha ġie l-ewwel fil-kors tal-B.A. (Gen.) meta ggradwa "cum laude" fl-Ingliż, il-Malti u l-Istorja. Ingħata permess speċjali biex f'sena waħda jagħmel il-kors ta' B.A. (Hons.) fl-Istorja mnejn iggradwa bl-unuri "first class" fl-1970. Iż-żewġ teżijiet ippreżentati s'issa minn Frendo huma fuq "A Social Background to the Maltese Labour Movement", 1835-1928 (1969) u "The Political Ideology of Dimechianism", 1860-1921 (1970).

"JISWA LI NQIEGHDU L-KURUNI U NAGHTU ĠIEH LILL-VITTMI TAS-SEBGHA TA' ĠUNJU 1919. IMMA JISWA IŻJED LI NISTUDJAW IL-ĠRAJJIET SOĊJALI TA' DAWK IŻ-ŻMINIJIET U BIL-KALMA KOLLHA NITGHALLMU MILL-ISTORJA REĊENTI TA' ART TWELIDNA."

Editorjal "Il-Ħajja", 8 ta' Ġunju, 1970.

Stampat "Empire Press" Floriana